MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-30 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 169/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Camilleri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Camilleri talli fiz-Zurrieq, fis-7 ta' April, 2003, ghall-habta ta' nofs in-nhar, volontarjament ghamel hsara fil-wicc tar-raba proprjeta` ta' Michael Farrugia li hi ghalqa fil-limiti tal-Macina, u barra minn dan qata' mir-raba tal-istess Michael Farrugia prodotti (patata) li l-ammont ma jeccedix il-hamsin lira (Lm50);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha dil il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Camilleri hati skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-Artikoli 340(b)(d) u

325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu multa ta' hamsin lira (Lm50);

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Camilleri, minnu ppresentat fid-19 ta' Settembru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-Tlieta, 23 ta' Dicembru, 2003; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa wiehed semplici: huwa jikkontendi li hu qatt ma ghamel l-att lilu imputat – cioe` li dahal fil-ghalqa u harbat il-wicc ta' l-istess ghalqa – peress li, skond hu, dak il-hin li l-ahwa Farrugia[1] jghidu li rawh jaghmel hekk huwa kien id-dar. L-ahwa Anthony u Salvu Farrugia, pero`, huma kategorici: huma jghidu li waqt li kienu f'ghalqa ohra fil-vicinanzi jnaqqu l-qarabaghli, huma raw lill-appellant jaqbez ic-cint u jaqla' l-patata li huma u missierhom kienu zerghu fl-ghalqa in kwistjoni. L-appellant ipproduca, kemm quddiem l-ewwel qorti kif ukoll quddiem din il-Qorti, lil ibnu u lil huh biex jipprova li huwa kien band'ohra fil-hin meta l-ahwa Farrugia jghidu li dahal fil-ghalqa jaqla' l-patata.

Din il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li toqghod taghmel trattat fuq l-"alibi"[2]. Bizzejjed jinghad li biex l-alibi jirnexxi l-qorti trid tkun sodisfatta, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li proprju fil-mument li qed jinghad mill-kwerelanti li l-appellant kien qed iharbat l-ghalqa taghhom u ta' missierhom – operazzjoni li hadet b'kollox xi tlett minuti – huwa kien x'imkien iehor, b'mod ghalhekk li jew il-kwerelanti qed jigdbu jew, ghalkemm raw lil xi hadd iharbat l-ghalqa, dan ma kienx l-appellant u ghalhekk hadu zball fl-identifikazzjoni. Il-kwistjoni, ghalhekk, tirrizolvi ruhha f'wahda ta' apprezzament ta' provi.

---

[1] Anthony u Salvu Farrugia.

[2] A propositu ta' l-"alibi" ara, *inter alia,* is-sentenza ta' din il-Qorti, kollegjalment komposta, tat-22 ta' Marzu, 1988 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Giuseppe sive Joseph Cassar***.

Issa, kif inhu risaput, din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti u l-konkluzzjoni li dik il-qorti tkun waslet ghaliha a bazi ta' dak l-apprezzament, jekk tkun sodisfatta li l-ewwel qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti, effettivament, hi sodisfatta li l-ewwel qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha. Id-distanzi bejn il-barriera (fejn f'xi hin kien qed jahdem l-appellant), l-ghalqa fejn kien hemm mizrugha l-patata, u d-dar ta' l-appellant (fejn iben l-appellant jghid li ra lil missieru) huma distanzi zghar hafna – kwistjoni ta' ftit minuti b'karozza – b'mod li d-deposizzjonijiet ta' Philip Camilleri u Clement Camilleri ma jeskludux il-presenza ta' l-appellant ghal ftit minuti fl-ghalqa in kwistjoni, kif jasserixxu l-kwerelanti. L-ewwel qorti effettivament ikkonkludiet li l-ahwa Farrugia kienu qed jghidu s-sewwa meta qalu li raw lill-appellant fil-ghalqa ta' missierhom iharbat wicc il-ghalqa, u l l-prova ta' l-"alibi" ma kienitx irnexxiet. Din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddipartixxi minn dik il-konkluzjoni.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------